MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 518/2011

**Appell Numru: 518/2011**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J. Abdilla]**

**Vs**

**Michael Ellul Vincenti**

Illum, 3 t'Ottubru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat Michael Ellul Vincenti, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 608858M talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Marzu 2005 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. Ghal qligh, ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa, jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografiku jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen kemm jekk jixbah lil dawn ta hawn fuq kemm jekk le u dan bi ksur tal-Artikolu 208 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, wegga bi kliem, gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod Iehor u li f'dan il-kaz l-ingurja saret bil-mezz tal-istampa u dan ghad-detriment ta' Gaby Cuschieri bi ksur tal-Artikoli 252 u 256 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Ukoll talli uza xi network jew apparat tat-telekomunikazzjonijiet elettronici fornut minn xi intrapriza ghal ghan li ma jkunx dak li gie fornut ghalih, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li kienu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronci jew inkella uza b'mod mhux kif imiss u dan bi ksur tal-Artikolu 35 (1) (d) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Dicembru, 2011, fejn il-Qorti kkunsidrat illi una volta li ma jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-imputat li pogga l-iscanned image fuq l-internet sabiex terzi jkollhom access ghall-istess ritratt skond kif ghadu kif appena gie indikat fil-paragrafi precedenti l-imputat l-anqas ma jista' jinstab hati tat-tieni(2) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ghalhekk din il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha ghalfejn tikkunsidra ulterjorment s-sottomissjonijiet ta' natura legali maghmula mid-Difiza fir-rigward.

Ghaldaqstant il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fl-20 ta’ Dicembru, 2011 thassar u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet “li-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti” fi-interita taghha u minnflok tipprovdi u tiddeciedi il-mertu tal-kawza mill-gdid billi ssib l-appellat imputat hati tal-akkuzi migjuha kontra tieghu.

Rat l-aggravji tal-applellant Avukat Generali:

In kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-Ligi u l-fatti u kellha ssib htija rigward l-akkuzi dedotti kontrih.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Onorabbli Qorti kienet skoretta meta ddikjarat li kienet se tillibera l-appellat imputat mill-istess akkuzi stante li l-kaz kien ampjament ippruvat.

Illi l-kaz kien jikkoncentra dwar jekk l-appellat imputat kienx il-persuna responsabbli talli b’mod malizjuz u b’intezjoni illegali ghamilx scan tar-ritratt tal-mara tieghu fuq l-internet flimkien ma numru tat-telfon taghha tax-xoghol.

Illi l-ewwel Qorti b’mod korrett u fatwali ddikjarat li r-ritratt in kwistjoni huwa wiehed pornografiku u oxxen u ghandu legalment jitqies hekk.

Illi bl-akbar rispett l-ewwel Qorti zbaljat meta ezaminat il-fatti tal-kaz u kkonkludiet li ma jlhaqqux mal-grad rikjest ta’ dubju ragonevoli.

Illi r-ritratt in kwistjoni kien ittiehed minn l-appellat imputat u hu biss kien jaf bl-esitenza tieghu, kif ukoll hu biss kien jaf fejn kien jinstab, stante li dan qatt ma gie f’idejn it-terzi partikolarment it-tfal tal-vittma.

Illi r-ritratt kien jinsab fil-pussess tieghu u dan ma kien hemm ebda dubju dwar dan il-fatt.

Illi l-istess ritratt fiziku kien instab ukoll fil-vicinanzi ta' l-istess kompjuter hdejn il- key board u fi-istess perjodu ta' zmien meta sar l-iscan ta' dan ir-ritratt vide folio 56 ta' l-atti processwali. Illi fuq dan is-stat ta' fatt biss diga l-provi jindikaw b'mod skjacanti l-involviment dirett tieghu.

Illi l-istess numru tat-telefon tal-vittma kien maghruf lill-appellat imputat
Il-mod malizjuz ikkombina n-numru tal-mara, flimkien mar-ritratt, b'intenzjoni malizjuza hafna sabiex jikkaguna umiljazzjoni, sitwazzjoni ferm imbarazzanti u inkwiet kbir ghall-martu u nnaqqas il-gieh taghha u jhammeg isimha u r-reputazzjoni taghha.

Illi r-ritratt kien gie scannjat fuq kompjuter ttellgha fuq sit ta' l-internet f'dak il-perijodu ta' zmien. Illi l-istess ritratt kien scanned fuq il-kompjuter ta' l-appellat scanned - flimkien man-numru tat-telefon tal-vittma. Illi dan il-kompjuter kien teknikament ta' l-appellat imputat uzat gewwa r-residenza tieghu, fatt li qatt ma gie michud tul il-kaz.

Illi fuq il-kompjuter ta' l-appellat imputat kien jinstab dan ir-ritratt scanjat kif ukoll b'mod importanti, li injorat il-Qorti, kien hemm qed jahdem programm tal-file sharing bir-ritratt tal-vittma. Illi meta l-istess kompjuter gie annalizat irrizulta li fuq il-hard disk kien hemm tnax il-file li kelihom l-istess kontenut bir-ritratt tal-vittma inkluz in-numru taghha.

Illi prova krucjali li kompletament injorat l-ewwel Qorti kien illi dawn il-files meta ikkomparati ma dawk il-files li jinsabu fuq l-internet inkluz files ohra li kienet ipprovdiet il-vittma, irrizulta li kienu ezatti l-istess bhala kontenut.

Illi fuq it-tieni hard disk li gie elevat minn ghand l-appellat imputat irrizultat li kien hemm issa sebgha w ghoxrin (27) files bi-istess kontenut mizmuma f'zewg postijiet, wiehed fejn kien hemm il-file sharing li minnu internet users ohra setghu jiehud l-files kif ukoll folder iehor jismu recycle bin.

Illi zewg files ohra li kellhom dan l-stess ritratt kellhom l-ismijiet scan 001 u scan 002 u kienu gewwa folder fejn normalment jigu mahluqa files ta’ scans, meta ritratt jigi scanjat normali.

Illi prova ohra kurcjali li l-ewwel Qorti injorat kienet il-prova li dan ir-ritratt gie scanjat b’appart li kien tal-kumpanija HP u b’mudell PSE 1300. Illi mir-residenza ta’ l-appellat imputat gie elevat dan l-istess apparat ta’ l-istess tip bhal dak li hemm imsemmi fl-informazzjoni gol-files.

Illi prova ohra li skartat l-ewwel Qorti kienet l-informazzjoni li ta PS 498 D. Agius fix-xhieda tieghu a folio 28 ta’ l-atti processwali:

“Dwar il-file sharing fuq computer tal-ghamla PAI kf kien dan il-kaz kien hemm programni imsemmi KAZAA a fuq il-computer tal-ghamla Packard Bell li kien hemm kien hemm programm jismu ARES. Iz-zewg programme jaghmlu uzu mill-istess sistema ta’ file sharing fejn persuna tista taghzel porzjon jew hard disc shiha hiex jaghmilha available ghan-nies hiex ikunu jistghu jiddownloadjaw minnha. F’dan il-kaz il programmi kienu hemm fuq il-computer ta’ l-imputat. Minn dak li rajt fis-search hekk gara”

Illi l-istess xhud jikkonferma wkoll li:

“meta ahna imbaghad ghamilna s-search ghand l- imputat innuttajt illi fuq il-computer tal-imputat il-programm kien jindika illi n-nies kienu bdew jilloadjaw minghand l-imputat ritratti, kemm ritratt li hu simili ghar-ritratt in kwistjoni a kemm ismijiet differenti ghal-istess ritratt. Li nista nghid wara l-investigazzjoni hu illi minghand l-imputat nies ohra iddownloadjaw dak ir-ritratt li ritratt simili iinma minghajr numru kien prezenti fuq dak il-kompjuter u illi dan ir-iitratt elettroniku gie scanjat perrnezz ta’ apparat li hu identiku ghal dak li kien fil-pussess tal-imputat hemm indikazzjoni li ghandek kemm ir-ritratt minghajr numru, ghandek ir-rifratt fiziku li kien ghand l-imputat u ghandek ritratti bin-numri u hemm l-ghodda fuq il-computer tal-imputat biex isir il-

process kollu. Inoltre kien hemm ritratt, anzi hadna ritratti ahna li l-mputat fi zmien ricenti hafna acceda ghal dawn il-files kollha li semmejnha."

Illi fuq il-komputer ta' l-appellat imputat kien qed jintuza l-programm ARES. Illi wiehed mill-messaggi li rrceviet il-vittma taghmel referenza ghal-istess programm ARES misjub fuq il-kompjuter ta' l-appellat imputat - vide folio 24 ta' l-atti processwali.

Illir-ritratt kien unikament fil-pussess ta' l-appellat imputat u qatt ma tah jew silfu lil hadd u biss kellu kontroll ta' dan ir-ritratt.

Illi l-ligi ma titlob qatt il-prova assoluta, il-ligi sahansitra titlob ezami profond tal-fatti kollha inkluz b'mod specjali l-provi cirkostanzjali u indiretti sabiex dawn il-provi jinnavigaw Illi l-Onorabbli Qorti sabiex jiddeciedi jekk il-grad tal-prova intlahaqx.

Illi f'dan il-kaz, bl-akbar rispett l-ewwel Qorti kompliet naqqset tezamina l-provi fl-assjem taghhom u l-provi indiretti u marret biss ghall-assolut bhala prova li johrog mill-kompetenza taghha.

Illi bl-akhar rispett jinghad li l-ewwel Qorti qatt ma setghet tikkonsidra x-xhieda ta' Josef Scicluna. Illi gewwa l-gurisdizzjoni lokali ma tezistix is-sistema ta' espert ex parte kif ghazel li jipprezenta ruhu dan ix-xhud. Illi kwalunkwe espert seta biss jigi nominat mill-Onorabbli Qorti. Illi dan ix-xhud ma pprezenta ebda dokumenti li jivverfikaw il-posizzjoni jew kariga tieghu kif ukoll il-konessjoni tieghu ma l-appellat imputat. Illi oltre dan ma hemm ebda dokument, relazzjoni jew verifika ta' kif dan ix-xhud wasal ghal-konkluzzjonijiet li ghamel meta lanqas biss kellu access ghal-provi u dokumenti esebiti fi-atti.

Illi li huwa car biss huwa s-stat ta' fatt li fil-kompjuter ta' l-appellat imputat li kwalunkwe virus li seta kien hemm ma kellux il-kapacita li jaqbad ritratt fiziku, jaqbdu minn fuq l-iskrivanija u jitfghu fl-scanner, jiskennjah u jnehhieh mill-iscanner u jerga jitfghu fejn sabuh il-pulizija.

Illi qatt ma jista jigi njorat li azzjoni bhal din kienet ferm malizjuza u ghalkemm il-prosekuzzjoni mhix mitluba tipprova l-mottiv, il-prosekuzzjoni irnexxilha anke tipprova dan is-stat ta’ fatt ghaliex ir-ragel ghamel din l-azzjoni ghaliex tant kien jistmeriha minhabba s-separazzjoni li kien ghaddej bejniethom li kien beda sitt xhur biss qabel dan il-kaz in kwistjoni u kien separazzjoni ostili.

Illi l-vittma soffriet hafna minhabba l-azzjonijiet ta’ l-appellat imputat u ha tibqa dejjem issoffri kemm hi, t-tfal taghha u l-familjari taghha stante li dan ir-ritratt, bin-numru tat-telefon u l-kummenti qatt ma jistghu jitnehhew minn fuq l-internet u ghada sal-gurnata tal-llum wara dawn is-snin kollha tigi mdejjaq u fastidjata minhabba dan ir-reat.

Illi fil-kontro ezami taghha, l-vittma ddikjarat ii ma tahfirx lill-appellat imputat ta’ dawn l-azzjonijiet - vide folio 155 ta’ l-atti processwali:

“Difiza:.... inti f’mohhok ghandek li dan ghamlu r-ragel tieghek.

Xhud: Naf zgur

Difiza: Inti tahfirlu ghal dak li ghamel?

Xhud: Le. Kont diga’ hfirtiu darbtejn qabel ma ghamilna s-separazzjoni. Kelina zewg kwereli l-Qorti u qabel ma ghamilna i-agreement li huwa, li kien amicable agreement, kont hfirtlu darbtejn. Jiena nibza nahfirlu ghax jerga’jaghmel xi haga ohra.

Diflza: X’ghamillek pero?

Xhud: Qahel kien hemm 76 messages fuq it-telephone li kienu diga l-Qorti bil-problemi,
emotional abuse u kien id-dar ghandi ritratti koilox, kont waqqaft il-kawza.’

Illi huwa ampjament car mill-provi diretti u indiretti li l-appellat imputat kien unikament il-persuna responsabbli

ta’ dawn ir-reati u li l-grad rikjest mill-ligi tal-prova migjuba li tilhaq il-grad ta’ dubju dettat mir-raguni sar u li kellu jinsab bla dubju ta’ xejn hati.

Ikkunsidrat.

Irruzulta mill-provi illi ghall-habta ta’ Marzu 2005 l-appellat u martu Gaby Cuschieri kienu ghaddejin mill-process ta’ separazzjoni u ma kienux qeghdin jghixu flimkien. L-imputat kif fil-pussess ta’ ritratt tal-kwerelanta li kien ittiehed zmien qabel fejn kienet tidher topless. Dan ir-ritratt ittiehed b’mod kazwali bil-kunses tal-kwerelanta fi zmien meta r-relazzjonijiet bejn il-kwerelanta u l-appellat kienu normali u tajbin hafna. F’Marzu 2005 dan ir-ritratt gie skenjat u tpogga fuq l-internet bin-numru tal-mobile phone tal-kwerelanta bil-konsegwenza illi dina bdiet tircievi sensiela ta’ telefonati u SMSs fuq il-mobile phone taghha minn ghand diversi rgiel fejn dawna kienu qeghdin jitolbuha appuntamenti jew dates u jaghmlu insinwazzjonijiet xejn sbieh ta’ natura sesswali. Wiehed mill-irgiel spjegalha illi kien ra ritratt taghha topless fuq l-internet fejn kien hemm in-numru tat-telephone taghha ndikat u kien ghal din ir-raguni illi huwa kien cempilha.

Il-kwerelanti Gaby Cuschieri ssuspettat illi dan ir-ritratt tpogga fuq l-internet minn zewgha u ghamlet kwerela sabiex jibdew proceduri kriminali konta l-appellant ghall-ksur ta’ dispozizzjonijiet tal-Ligi illi jidhru fic-citazzjoni. B’Sentenza tat-2 ta’ Dicembru, 2011 il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell, fejn l-agravju tieghu kien li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ddikjarat illi se tillibera lill-appellat stante illi l-prosekuzzjoni rnexxielhja tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi ritratt ta’ mara b’sidirha barra mehud b’mod kazwali mhux f’pozizzjoni erotika mhuwiex u m’ghandux jitqies bhala pornografija. L-arti ibda minn zmien l-era klassika, rinaxximent u modern huwa mimli b’rapprezentazzjonijiet femminili bil-parti ta’ fuq ta’ l-anatomija esposta. Anke fil-knejjes taghna nkluz il-Konkatidral ta’ San Gwann insibu dawn ir-rapprezentazzjonijiet fuq monumenti ghal Gran Mastri u persuni illustri ohra. Ghalhekk ir-ritratt wahdu kif esebit f’dawn l-atti m’ghandux jitqies bhala pornografiku. Pero’ din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti illi meta gie nserit numru tal-mobile fuq dak ir-ritratt allura dak ir-ritratt ma baqax aktar innocenti u kif qalet l-ewwel Qorti “*jista’ oggettivament jitqies bhala li ghamel enfasi mhux xierqa fuq is-sess u li t-tqassim tieghu fuq l-internet ghandu jitqies bhala tqassim ta’ oggett pornografiku ghall-finijiet ta’ l-Artiklu 208 tal-Kodici Kriminali.”* Stabbilit dan il-punt, kellu jigi ppruvat minghar dubju dettat mir-raguni illi kien l-appellat illi skennja dak ir-ritratt, pogga fuqu n-numru tal-mobile tal-kwerelanta u poggieh fuq l-internet bil-konsegwenza illi l-kwerelanta soffriet dak il-fastidju illi xehdet dwaru l-Qorti.

Ikkunsidrat.

Wara qari akkurat tas-Sentenza ta’ l-ewwel Qorti din il-Qorti issib illi l-ewwel Qorti ghamlet sforz sabiex taccerta ruhha b’mod assolut dwar il-konnessjoni bejn l-appellat u t-tqieghid tar-ritratt b’dak il-mod fuq l-internet. Jinghad fil-bidu nett li mkien fil-Ligi ma tobbliga lill-Qorti li hija tkun certa minghar ombra ta’ dubju dwar htija o meno ta’ akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-Ren Divin u fl-akkuzat illi jaf cert x’gara u ma garax. Ghal fini ta’gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq il-livell ta’ minghajr dubju dettat mir-raguni u cioe’ livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza.

Forsi l-Qorti kienet influwenzata mid-domandi tad-difiza meta kien qed jixhed PS 498 David Agius u kienu qeghdin isirulu domandi jekk kienx cert illi kien l-imputat illi qieghed ir-ritratt fuq l-internet fejn ovvjament ix-xhud irrisponda li ma kienx ghax ma kienx mieghu dak il-hin u wkoll setax

jghid b'certezza assoluta illi s-"shared photos" illi kien hemm fuq il-mobile number originaw minn dawn iz-zewg images illi kien qed jirreferi ghalihom a fol 64 tal-Process u ovvjament ix-xhud irrisponda illi ma setax jghid b'certezza. U wkoll meta fl-ahhar tax-xhieda tieghu PS Agius qal illi ma setax jghid 100% illi ghamilha l-imputat. Din il-Qorti terga tenfasizza li mkien fil-Ligi ma tirrikjedi prova 100% biex tasal ghall-konkluzjni dwar htija ta' persuna akkuzat b'reat u l-ewwel Qorti ma kelliex tippermetti domandi lill-espert nominat mill-Qorti li jirrikjedu rispostaf'dak il-livel ta' certezza.

Ikkunsidrat.

Huwa ben stabbilit fl-ordanament guridiku taghna illi opinjoni ta' espert mahtur mill-Qorti ma tistax tigi skartata kapricjozament u din il-mezz ta' prova hija mportanti hafna ghall-prosekuzzjoni bhal ma hi mportanti wkoll xhieda okulari jew diretta. Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u r-responsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni. L-ewwel Qorti donnha illi skartat dan il-principju u ma tatx piz lill- provi cirkostanzjali illi kien hemm f'dan il-process liema provi bil-fors kellhom iwasslu ghall- konkluzjoni wahda u cioe' illi kien l-akkuzat illi effettivament skenja dan ir-ritratt u poggieh fuq l-internet bin-numru tat-telephone tal-mobile tal-kwerelanta.

Din il-Qorti issib illi l-ewwel Qorti ma kienetx ragonevoli fil-konkluzjonijiet taghha meta giet biex tillibera lill-appellat. Fis-Sentanza taghha (fol 212) l-Qorti qalet illi l-fatt li r-ritratt instab fil-pussess ta' l-appellat ma setax jitqies bhala prova illi kien il-persuna li skenja dan ir-ritratt u poggieh fuq l-internet. Dana 'l ghaliex il-pussess tar-ritratt ghand l-appellat kien wiehed legittimu. Din il-Qorti mhijiex

qieghda tiddubita dan il-fatt. L-appellat mhuwiex qed jigi addebitat illi gie fil-pussess ta' dan ir-ritratt b'mod klandestin u l-legittimita tal-pussess ma tistatx titqies bhala fattur negattiv ghall-prosekuzzjoni, anzi l-oppost.

L-appellat kien fil-pussess legittimu ta' dan ir-ritratt u kien ukoll fil-pussess legittimu tan-numru tal-mobile tal-kwelanta u kien fil-pussess legittimu ta' apparat eletroniku sabiex jiskennja dak ir-ritratt u jqieghdu fuq l-internet. L-ewwel Qorti qieset li l-prosekuzzjoni dghajfet il-kaz taghha meta rragunat illi anke li kieku irrizulta illi kien l-appellat illi skennja r-ritratt u poggieh fuq l-internet ma giex ippruvat illi kien l-appellat illi pogga r-ritratt bin-numru tat-telephone tal-kwerelanti fuq l-internet sabiex jaccedu ghalih terza persuni u ghalhekk ikkonkludiet illi una volta ma rrizultax pruvat minn kull dubju dettat mir-raguni illi kien l-imputat li ppermetta l-access tar-ritratt fuq l-internet ma kienx sodisfatt it-tieni kwizit tar-reat kontemplat fl-Artiklu 208 tal-Kodici Kriminali.

L-ewwel Qorti hawnhekk tidher illi qed tiskarta kompletament il-provi indizjarji illi rrizultaw f'dan il-process. Ma qisietx per ezempju l-avveniment storiku ta' l-akkadut propju fiz-zmien meta l-appellat kien ghaddej minn separazzjoni kontenzjuza hafna mal-kwerelanta. Kien l-appellat u l-appellat biss illi kien fil-pussess ta' dak ir-ritratt. Kien l-appellat fil-pussess tat-telephone number tal-kwerelanta u l-appellat kellu l-mezzi kollha disponibbli sabiex jiskennja r-ritratt, iqieghed in-numru tal-mobile tal-kwerelanta fuq ir-ritratt u jpoggieh fuq l-internet.

M'ghandekx ghalfejn ikollok prova sal-livell ta' certezza biex tasal ghall-konluzjoni illi dawn l-indizji kollha jwasslu ghall-unika konkluzjoni possibbli illi kien l-appellat illi effettivament ghamel dan ir-reat bi hsara ghal kwerelanta. Kif setghet l-ewwel Qorti tasal ghal konkluzjoni "*il-prosekuzzjoni ma tistax titqies illi tkun pruvat illi kien l-istess imputat illi pogga r-ritratt bin-numru tat-telephone tal-kwerelanti fuq l-internet sabiex jaccedu ghalih terzi persuni. Kif tista` qatt tasal biex taghmel din il-prova jekk mhux bi provi indizzjoni u jekk ma kienx l-appellat min seta kien?............*"

Jekk ma kienx l-appellat min seta' kien? L-appellat kellu nteress, il-mottiv, il-pussess u l-mezzi sabiex jaghmel dan. Hadd hlief l-appellat ma kien fil-pussess tar-ritratt meritu in kwistjoni u l-original ta' dan ir-ritratt illi tpogga fuq l-internet instab fil-pussess eskussiv ta' l-appellat. Imkien ma gie allegat illi r-ritratt bin-numru tat-telephone illi deher fuq l-internet kien differenti mir-ritratt originali illi kellu l-appellat. Din il-Qorti taqbel ma l-argument ta' l-Avukat Generali illi huwa ampjament car mill-provi diretti u ndiretti li l-appellat kien unikament il-persuna responsabbli ta'dawn ir-reati u li l-grad rikjest mill-Ligi tal-prova migjuba li tlahhaq il-grad ta' minghajr dubju dettat mir-raguni ntlahaq u li kellu jinstab bla dubju ta' xejn hati. Din il-Qorti thoss illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha ma setghetx ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk hemm lok illi l-ewwel Sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirrevoka u thassar is-Sentenza appellata u wara li rat l-Artiklu 208, 252, 256 tal-Kap 9 u l-Artiku 35 (1) (d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien sena b'dana illi wara li rat l-Artikoli 28A tal-Kodici Kriminali tordna illi dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn mil-lum. Tordna wkoll li r-ritratt esebit fl-atti meritu ta' dan il-kaz, jinghata lura lill-parti leza Gaby Cuschieri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------